Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 487/2015

**Carmen Lia f'isem Graces Company Limited** **(appellata)**

**Vs**

**David Bartolo u Rose Baldacchino** **(appellanti)**

22 ta' Novembru, 2016.

1. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-15 ta' Dicembru, 2015 li biha kienu kundannati jhallsu s-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) bl-imghax mid-data tas-sentenza, ammont dovut bhala prezz ghal tieg li kellu jsir fis-sala Villa Overhills, Reception Venue, Triq Ghar Dalam, Birzebbugia li kellu jsir fis-16 ta' Mejju, 2015.

2. **Fatti**.

Fl-24 ta' Lulju 2014 il-konvenuti ffirmaw skrittura ma' Graces Company Limited sabiex jaghmlu uzu mis-sala Villa Overhills fis-16 ta' Mejju, 2015 biex fiha jsir riceviment tat-tieg taghhom. Il-prezz kien ta' €1,900 u dakinhar hallsu depozitu ta' €100. Il-bilanc kellu jithallas mhux iktar minn 10 ijiem qabel id-data tar-riceviment. Inoltre, fi klawzola 3 tal-kuntratt jinghad:

*"Jekk ghal xi raguni t-tieni parti tiddeciedi li tikkancella l-funzjoni, id-depozitu jintilef u t-tieni parti ghandha wkoll tavza bil-mikitb lis-socjeta dwar dan sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni. Jekk it-tieni parti tavza lis-socjeta f'perjodu anqas minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni, it-tieni parti titlef id-depozitu u tkun ukoll obbligata thallas il-bilanc tal-prezz."*

F'Awissu 2014 il-konvenuta saret taf li kienet tqila. Fis-27 ta' April 2015 twieldet it-tarbija. It-tieg ma sarx. Il-konvenuti jsostnu li kif saru jafu li l-konvenuta kienet tqila, infurmaw lill-attrici verbalment li qed ihassru l-booking. Ikkonfermaw li ma tawx avviz bil-miktub kif stipulat fi klawzola 3 tal-iskrittura privata.

3. **Konsiderazzjoni.**

3.1 L-ewwel aggravju tal-konvenuti hu li huwa guridikament u proceduralment inaccettabbli kif it-Tribunal ghadda biex jippronunzja s-sentenza tieghu qabel ma d-difensur tal-konvenuti lahaq lissen l-ahhar erba' kelmiet tat-trattazzjoni.

3.2 Skond il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2015, xehedet Carmen Lia, saret trattazzjoni u t-Tribunal ta s-sentenza. Il-qorti ma ssib l-ebda rregolarita. Dawn huma proceduri sommarji u t-Tribunal ghandu l-liberta li jistabillixi l-procedura li jidhirlu (artikolu 9 tal-Kap. 380). It-Tribunal ta lill-partijiet l-opportunita' li jressqu l-provi u wkoll sema' t-trattazzjoni. Kellu kull jedd li kif tintemm it-trattazzjoni, jiddeciedi l-kawza. Fil-fatt paragrafu 2 tal-artikolu 9 jipprovdi li t-Tribunal, *"(a) ghandu jizgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda"*. Hu evidenti li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq dak li jghid il-kuntratt.

3.3 L-aggravji numru tnejn sa tlieta jitrattaw il-meritu. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Kancellament permezz ta' telefonata ma tistax tigi accettata peress illi ma hemmx il-prova li saret mill-persuna li tkun ghamlet il-booking.*

*Dan in-nuqqas ta' parti tal-konvenuti li ma ghamlux il-kancellament bil-miktub sewa biex l-attrici ma setax jaghmlu booking ohra f'dik id-data peress illi d-data baqghet merfugha ghall-konvenuti. Lanqas ta' lanqas marru fuq il-post biex is-socjeta attrici jkollha prova illi l-kancellament sar di persona mill-konvenuti."*

Il-qorti tosserva:

3.3.1 M'hemmx dubju li l-kuntratt jipprovdi li kancellament kellu jsir bil-miktub. Fl-ewwel lok jidher li l-konvenuti kienu ben konsapevoli li l-kancellament kellu jsir fl-ewwel sitt xhur permezz ta' avviz bil-miktub. Fil-fatt il-konvenut xehed, *"... jiena bqajt ma mortx biex naghmel dan* ***bil-miktub*** *peress illi kont inkun xoghol u peress illi Rosemarie kienet tqila u kellha tlett itfal."* (fol. 20).

3.3.2 Ghalkemm il-kuntratt jipprovdi li l-avviz ta' kancellament ghandu jsir bil-miktub, **jekk mill-provi jirrizulta li sar permezz tat-telefon u Lia accettatu, il-kancellament kien validu**. Ovvjament huma l-konvenuti li kellhom jaghtu prova ta' dan.

3.3.3 Meta tikkunsidra li prezz ta' €1,900 m'huwiex ammont zghir, hu fl-interess ta' min jikkancella li jkollu prova bil-miktub li fil-fatt ikkancella.

3.3.4 Il-konvenuti jsostnu li hekk kif il-konvenuta saret taf li hi tqila, infurmat lil Carmen Lia li kienu qed ihassru l-*booking* ghaliex id-data tat-tieg kienet ser tahbat hmistax-il gurnata wara t-twelid tat-tarbija. Mill-atti ma jirrizultax li sarilhom kontro-ezami u fil-fehma tal-qorti fil-verzjoni li taw ma tara xejn kontradittorju.

3.3.5 Min-naha l-ohra Carmen Lia mistoqsija jekk xahar wara l-*booking* kinitx giet infurmata li l-konvenuta harget tqila u li kienu qeghdin

ihassru t-tieg, wiegbet: "*... **jiena dan ma nistax nikkonfermah** ghax icempluli hafna nies peress li mhux din biss sala ghandna izda ghandna ohrajn."* (fol. 17). F'dik is-seduta Carmen Lia ma cahditx li l-konvenuti kienu kkancellaw il-*booking* permezz ta' telefonata. Kien biss fis-seduta ta' wara li qalet li meta jkun hemm kancellament, taghmel notament li l-booking ikun thassar (fol. 23). Fatt li qatt ma semmiet fl-ewwel deposizzjoni. Il-qorti kienet tistenna li x-xhud kellha minnufih issemmi fatt bhal dak, jekk hu veru.

3.3.6 Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 xehed in-nutar Dr Joseph Lia li ma spjegax x'inhu l-involviment tieghu fil-kumpannija attrici. Hu minnu li xehed li ma kinux gew infurmati bil-kancellament, pero' qabel kien qal: "*Nixtieq nghid ukoll illi telefonati **ma huwiex possibbli li niftakru kollox** ghax ikun hemm mijiet ta' telefonati."* (fol. 19). Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif f'dan il-kaz jaf x'gara, iktar u iktar meta m'hemmx provi li l-konvenuti kellhom kuntatt mieghu.

3.3.7 Ghall-qorti hu verosimili li kif il-konvenuti saru jafu li l-konvenuta harget tqila[1] u li t-tarbija kellha titwieled ftit granet qabel id-data tat-tieg, bidlu l-pjanijiet. Meta l-konvenuta harget tqila, il-prijorita ma baqax it-tieg.

3.3.8 M'hemmx prova li mid-data li saret il-booking (24 ta' Lulju, 2014) l-attrici kellha *enquiries* ohra sabiex isir riceviment dakinhar stess u li m'accettathomx minhabba l-booking tal-konvenuti.

4. **Konkluzjoni** – Fil-fehma tal-qorti meqjus dak li nghad hawn fuq, hemm bizzejjed provi biex din il-qorti tikkonkludi li effettivament sar kancellament fit-terminu pattwit u dan gie accettat mill-attrici.

5. Fir-raba' aggravju, l-appellanti staqsew: "*huwa esklussivament applikabbli il-principju pacta sunt servanda f'dan il-kaz partikolari ?"* Il-konvenuti jsostnu li l-kuntratt kien ta' *service provider* fuq naha u konsumatur fuq l-ohra, u ghalhekk huma applikabbli regolamenti differenti minn dawk ta' natura civili kemm fl-interpretazzjoni u wkoll fl-ezekuzzjoni. Ghalhekk jidher li l-konvenuti qeghdin isostnu li fil-kuntratt hemm *unfair terms*. Pero' din id-difiza ma nghatatx quddiem it-Tribunal (ara twegiba a fol. 13), ghalkemm mad-daqqa t'ghajn jidher li f'dan il-kaz hemm x'jinghad ghal dak li jirrigwarda l-kuncett ta' *unfair terms* f'kuntratt. Hu evidenti li l-kuntratt hu tat-tip *standard form* li jkun diga' miktub u kull ma jsir hu *fill in the blanks* ghal dak li jirrigwarda data tal-kuntratt, dettalji tal-partijiet, data tal-okkazzjoni, prezz u depozitu. Hu evidenti li l-kumplament tal-kuntratt, inkluz klawzola 3, huma kundizzjonijiet li timponi l-attrici fuq il-konsumatur. Fil-fatt il-klawzoli huma kollha obbligazzjonijiet imposti fuq il-konsumatur. L-uniku obbligazzjoni tal-attrici li thalli lill-konvenuti jaghmlu uzu mis-sala Villa Overhills ghat-tieg. Madankollu

[1] Mill-provi dan kien Awissu.

in vista ta’ dak li l-qorti ddecidiet dwar il-meritu, illum dan l-aggravju hu superfluwu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa’ l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-15 ta’ Dicembru, 2015 u minflok tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talba tal-atturi. Spejjez a karigu taghhom**.

Anthony Ellul.